Citta Notabile

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 29

Il-Ġimgħa 23 ta' Ottubru 2026

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

PREŻENTI:

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)

Maryann Sultana- Kunslliera

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.06am

29.1 Qari ta' l-Ittri ta' Apoloġija

29.1.1 Is- SE infurma lil Kunsill li l-Kunsilliera Maryann Sultana bgħatet tinfuma li ma setetx tattendi għal-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol.

29.1.2 Il-Kunsill laqa' t-talba tagħha u ġiet skuzata.

29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

29.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- Minuti tat-Tmienja u Għoxrin Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

29.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

29.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

29.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li wara talba li kienet saret, twaħħlu t-tabelli tas- sinjali rigward d-daqs ta' vetturi li jistgħu jgħaddu għal Pjazza tas- Sur minn Villegaignon.

29.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill nhar il-11 ta' Diċembru 2026 ser jittella' l-Kunċert tal-Milied b'kollaborazzjoni mar- Reġjun Punent ġewwa il-Knisja tal-Karmnu, L-Mdina.

29.3.3 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li f'Jannar li ġej ser jitkompla x-xogħol ta' pavimentar ġewwa l-Mdina minn Infrastructure Malta fejn d-daħla ta' l-Mdina u fil-granet li ġejjin ser jiġi kkoordinat dan ix-xogħol mal- perit Vassallo.

29.3.4 Is- Sindku talab lil Cleanising Department dwar il-possibilita' li jsir xi tip ta'intervent biex jitneħħew xi graffiti li saru b' mod vandalu fuq Għajn Hammiem u l-Pont tal-Ferrovija.

29.3.5 Is- Sindku talab lil LESA biex isir infurzar fi Greeks Gate fuq vetturi kummerċjali li ta' spiss ikunu qed jimblukkaw d-daħla fi Greeks Gate.

29.3.6 Is- Sindku infurma lil Kunsill li ntbgħatu ittri ta' avviz lir- residenti fuq is-servizz tal-vaccin ta' l-influenza li ser tingħata minn ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill.

29.4 Rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur minn Jannar sa Marzu u April sa Ġunju

28.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Jannar sa Ġunju 2026. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal- Kunsilliera

28.4.2 Rapporti finanzjarji ġew approvati mill-Kunsill unanimament

29.5 Kwotazzjonijiet għal presepju ġdid. Approvazzjoni

29.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett kwotazzjonijiet b'rabta mal-presepju ġdid li ser jissostitwixxi l-antik li ssoltu jiġi mtella' fi Pjazza San Publiju.

29.5.2 Il-Kunsill approva l-irħas offerta li kienet tal-Grupp Armar Marija Assunta tal-Mosta li kienet ta' € 4950 eskluz il-VAT.

29.6 Medieval Mdina 2027- Aġġornament

29.6.1 Is- SE ta' xi aġġornamenti fuq il-gruppi barranin li ser ikunu qed izuru din il-manifestazjioni f' April li ġej nhar is 17 u 18 ta' April 2027/

29.7 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

29.7.1 Natalis Notabilis- Talba mill-organizzaturi biex juzaw t- Tomba bħala parking għas service providers. Il-Kunsill approva.

29.7.2 Community Police- Talba biex isir intervent fuq xi siġar biex jitneħħa xi periklu li jista' jinqala. Il-Kunsill talab lis- SE biex japplika ma' l-ERA għal permessi neċessarji.

29.7.3 Malta Marathon- Talba mill-organizzaturi għas-ssoltu tiġrija li ssir f' Diċembru u Frar, tluq mill- Car Park tas- Saqqajja. Il-Kunsill approva.

29.7.4 Polza ta' assikurazzjoni fuq propjeta' tal-Kunsill- Il- Kunsill approva din il-polza li tkopri sa Novembru 2027.

29.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

29.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tat- 23ta' Ottubru 2026 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 23,013.05

29.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

29.9 Tmiem tal- Laqgħa

29.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.04 pm u ġiet aġġornata għat- 20 ta' Novembru 2026 fid- 3pm.

FFIRMATI

_____

Peter Sant Manduca
Sindku

FFIRMATI

_____

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 20 ta' Novembru 2026